Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 10504 — EQT/H&F/Zooplus)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 473/14)

1. Fil-15 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management S.à.r.l ("EQT", il-Lussemburgu), parti mill-grupp EQT (l-Isvezja),

— Hellman & Friedman LLC ("H&F", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Zooplus AG ("Zooplus", il-Ġermanja).

H&F u EQT jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Zooplus kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EQT: parti mill-fond ta' investiment tal-grupp EQT, li l-kumpaniji tal-portafoll tiegħu huma attivi globalment f'varjetà ta' industriji u setturi bħall-kura tas-saħħa, is-servizzi, il-prodotti tal-konsumatur, l-enerġija u l-ambjent, eċċ.,

— H&F: investiment ta' ekwità privata f'varjetà ta' setturi madwar id-dinja, inklużi software u teknoloġija, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa, konsumatur u ħwienet u servizzi oħra tan-negozju,

— Zooplus: bejjiegħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku tal-provvisti tal-annimali domestiċi, b'attivitajiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Zooplus tħaddem numru ta' ħwienet web lokalizzati u transnazzjonali li jbigħu provvisti għall-annimali domestiċi għal klieb, qtates, għasafar, żwiemel, annimali żgħar u akkwatiċi. Il-firxa ta' prodotti tinkludi, b'mod partikolari, ikel għall-annimali domestiċi, kif ukoll aċċessorji għall-annimali domestiċi (bħal siġar tal-grif, basktijiet tat-trasport, ġugarelli, mifrex u ikliet ħfief).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10504 — EQT/H&F/ZOOPLUS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË